MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Diċembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 170/2018 LM

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
*("l-appellat")*

***vs*.**

**1. Daniel Borg;**
**2. GasanMamo Insurance Agency Limited;**
**3. Anthony Caruana (K.I. nru 0713256M)** *("l-appellant")*;
**4. SMS Insurance Agency Limited**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Anthony Caruana (K.I. nru 0713256M)** [minn issa 'l quddiem "l-appellant"] minn lodo arbitrali mogħti fl-Arbitraġġ numru M4118/2014 fil-11 ta' Diċembru, 2018, [minn issa 'l quddiem

"il-lodo arbitrali"], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"] fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem "iċ-Ċentru"], li permezz tiegħu ddeċieda billi laqa' t-talba tar-rikorrent **Il-Kummissarju tal-Pulizija** [minn issa 'l quddiem l-appellat] fil-konfront tal-appellant biss, filwaqt li ordna li l-appellant għandu jħallas lill-appellat is-somma ta' ħamest elef sitt mija u sittin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€5,660.92) flimkien mal-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Jannar, 2014, sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż għajr dawk relattivi għall-intimati l-oħra li tħallew a karigu tal-appellat.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw inċident li seħħ fil-21 ta' Ottubru, 2010, fi Triq il-Buqana, limiti tar-Rabat. Dakinhar PS 888 Dunstan Camilleri u PC 1430 Alexander Mizzi kienu qegħdin jassistu lill-Pulizija tat-Traffiku f'kolliżjoni li kienet seħħet f'dik it-triq. Fl-istess ħin, waqfet fil-ġenb tat-triq il-vettura tat-tip FIAT bin-numru ta' reġistrazzjoni KBC 369 misjuqa mill-intimat Daniel Borg minħabba xi ħsarat li rriżultaw fil-magna tagħha. Peress li din ma setgħetx tinstaq, ġiet irmunkata minn *lowloader* bin-numru ta' reġistrazzjoni IBE 616 misjuq mill-intimat l-ieħor Anthony Caruana. Iżda ġara li t-*tow-hook* tagħha inqala' minn postu u l-vettura niżlet b'lura minn fuq ir-rampa tal-*lowloader,* bil-konsegwenza li laqtet u kkawżat ħsarat lill-mutur tat-tip BMW u bin-numru ta' reġistrazzjoni GVP 702, proprjetà tal-appellat, li kien ipparkeġġjat madwar 25 - 30 metri 'l bogħod.

**Mertu**

3. L-appellat intavola proċeduri arbitrali permezz ta' Avviż tal-Arbitraġġ u Talba li ġew ippreżentati fit-22 ta' Awwissu, 2014, fil-konfront tal-appellant u tal-intimati l-oħra, fejn filwaqt li fisser li n-natura tat-talba tiegħu kienet tirrigwarda danni lil vettura, iddikjara li l-pretensjoni tiegħu kienet għall-ħlas tas-somma ta' €5,660.92, u dan flimkien mal-ispejjeż ta' dik il-proċedura u tal-ittri uffiċjali tal-5 ta' Settembru, 2012, u tas-6 ta' Jannar, 2014, u bl-imgħaxijiet mid-data tal-ewwel ittra uffiċjali sad-data tal-pagament effettiv.

4. L-intimati **Daniel Borg** u s-soċjetà **GasanMamo Insurance Limited** wieġbu fl-4 ta' Settembru, 2014, fejn eċċepew li: (a) huma ma kinux responsabbli għall-inċident inkwistjoni; u (b) bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-ammont mitlub kien wieħed eżaġerat.

5. Is-soċjetà intimata **SMS Insurance Agency Ltd** ippreżentat it-tweġiba tagħha fl-10 ta' Settembru, 2014, fejn eċċepiet li hija ma kienet bl-ebda mod responsabbli għall-inċident li fih ma kellha l-ebda involviment.

6. L-intimat **Anthony Caruana** wieġeb fit-13 ta' Ottubru, 2014, fejn eċċepixxa s-segwenti: (a) li huwa ma kienx il-leġittimu kontradittur; (b) li kellhom jiġu ppruvati l-allegazzjonijiet ta' traskuraġni u ta' nuqqas ta' ħila u/jew osservanza ta' regolamenti, kif ukoll li huwa ma kienx kopert mill-polza ta' assikurazzjoni; (ċ) li t-talba għall-ħlas ta' danni kienet ferm eċċessiva.

## **Il-Lodo Arbitrali**

7. It-Tribunal wasal għal-lodo arbitrali wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"**KONKLUŻJONIJIET:**"*

*Illi huwa risaput illi kull min jallega irid jipprova hu l-allegazzjonijiet tiegħu a sodisfazzjoni tal-ġudikant, f'dan il-każ tal-Arbitru. Il-grad tal-prova huwa dak tal-probabilità u mhux il-grad ta' bla ebda ombra ta' dubbju.*

*Kien jinkombi fuq ir-rikorrenti illi jipprova li il-ħsara fil-mutur ġrat minn xi wieħed mill-intimati imħarrka. Una volta milħuq dan il-grad ta' prova u allura jiġi konstatat illi xi wieħed, jew iżjed, mill-intimati huma responsabbli għall-akkadut, l-istess rikorrenti ried jipprova ukoll l-ammont tal-ħsara sofferta. Allegazzjoni pura li l-ammont tal-ħsara huwa tant mhux biżżejjed.*

*L-Arbitru huwa marbut bl-arġini tal-premess, tat-talbiet u tad-difiża. Ir-rikorrenti qed jallega illi ir-responsabilità għall-akkadut huwa tal-intimati, jew min minnhom, billi il-vettura tat-tip FIAT ġiet irmunkata minn fuq* lowlader *bin-numru ta' registrazzjoni IBE616 u ġara iżda illi it-*towhook *tal-FIAT inqalgħet minn postha b'konsegwenza li l-vettura bdiet nieżla lura minn fuq ir-rampa tal-*lowloader *u b'riżultat ta' din in-neġligenza u irresponsabilità imwettqa mill-intimati jew min minnhom, din laqtet il-mutur tal-pulizija li inqaleb u ġarrab ħsara konsiderevoli.*

*Illi irriżulta li fl-operazzjoni tal-irmunkar ma ħadu sehem ħadd mill-intimati għajr għal Anthony Caruana. Kien hu biss li innaviga bit-*tow eye, tow anchor *u f'kull ma kellu x'jaqsam mal-operazzjoni tal-ingaġġjar tal-vettura mat-*towing truck *u mal-operazzjoni kollha tal-ġbid tal-istess vettura minn mat-triq għal fuq it-trukk.*

*La Daniel Borg, intimat u proprjetarju tal-vettura FIAT u wisq anqas xi waħda mill-assigurazzjonijiet intimati ma kellhom, imqar minimament, x'jaqsmu mal-operazzjoni imsemmija.*

*Ir-rikorrenti, ċertament, li lanqas biss midd subghajħ f'din l-operazzjoni tal-irmunkar u kwindi ma seta' qatt ikun tenut responsabbli għall-akkadut jew li b'xi mod ikkontribwixxa għall-istess incident.*

*Minn dan isegwi, stante li kull persuna hija responsabbli għall-aġir tagħha, sakemm ma jirnexxiliex tipprova li dak li ġara kien lil hinn mill-poteri tagħha, per eżempju "casus" isegwi illi dik il-persuna trid tirrispondi għal aġirha.*

*Kien jispetta lill-intimat Caruana, u lil ħadd iżjed mill-partijiet protagonisti f'dawn il-proċeduri, li jaċċerta ruħhu, mhux biss illi it-*truck, *ir-rampa li fuqha ittellegħet il-vettura, il-*winch, *il-*cable u *it-*tow-hook *– u ċioe l-apparat tiegħu – huma adegwati għal dik l-operazzjoni partikolari iżda kien fid-dover ukoll illi jara illi il-mod kif ser jigganċja il-vettura biex tittella' għal fuq it-*truck *kien mod adegwat.*

*Għal din l-operazzjoni dan Caruana għażel li jutilizza apparat tal-vettura (FIAT) stess. Dik kienet għażla tiegħu. Seta' għamel hekk, kif fil-fatt għamel, iżda seta' ukoll sab mezz ieħor, possibilment aktar laborjuża, kif tittella' il-vettura fuq it-trukk. Id-deċiżjoni kienet tiegħu u tiegħu biss, mingħajr ebda involviment ta' ebda persuna oħra involuta. Il-persuni l-oħra li kien hemm preżenti kienu biss spettaturi u ma ipparteċipaw bl-ebda mod f'din l-operazzjoni u kwindi ma jistgħu qatt jiġu ikkonsidrati li huma, b'xi mod, responsabbli jew ikkontribwew għall-istess inċident.*

*Għal dawn il-motivi hija il-fehma soda tal-Arbitru li għall-akkadut jaħti biss l-intimat Anthony Caruana.*

*Stabbilit għalhekk illi il-ħtija hija tal-intimat Caruana, l-Arbitru issa irid jindaga x'inhu l-ammont ta' danni li għandhom jiġu likwidati bħala li huma dovuti lir-rikorrenti.*

*Id-dokument DC3, anness mal-proċeduri promoturi, huwa id-dokument li ir-rikorrenti għażel li jistrieħ fuqu. Dan huwa stima tal-ħsara li ġiet magħmula minn Kevin Perry, li ittella' jixhed – dan xehed fis-seduta numru [7]. Huwa ikkonferma il-kontenut tal-istess dokument bħala li huwa korrett u fil-fatt qal ukoll illi l-istess dokument huwa fil-kalligrafija tiegħu u kien minnu preparat.*

*L-Arbitru iħoss illi kien ikun aktar preċis kieku ir-rikorrenti ressaq bħala prova ir-riċevuti għall-ħlas tal-*parts *mixtrija u ipproduċa lil min hu responsabbli mill-Korp għall-pagament tal-istess iżda, purtroppo, din il-prova ma saritx. Bil-fatt li ma saritx izda, ma twassalx għall-konklużjoni illi allura ir-rikorrenti naqas mill-prova tan-nefqa tiegħu.*

*Ir-rikorrenti pprova, sodisfaċentement għall-Arbitru, illi huwa nefaq is-somma minnu mitluba biex sewwa il-ħsara riportata fil-vettura (*motor cycle) *in kwistjoni u dan l-ammont ma ġie b'ebda mod ikkontestat validament minn xi wieħed mill-intimati billi kull ma għamlu l-intimati huwa li stqarru biss, fil-kontestazzjoni tagħhom, illi l-ammont huwa esaġerat – iżda ma ressqu ebda tip ta' prova in sostenn għal tali allegazzjoni.*

*Kull min jallega irid jipprova u kwindi kien kompitu tal-intimati li jipprovaw li l-ammont mitlub kien esaġerat u in mancanza ta' tali prova isegwi illi l-ammont reklamat mhux kontestat validament.*

*Id-dokument DC3 huwa kompilat b'ċerta reqqa għax ix-xhud Perry mhux qabad u għadd kollox u semma prezz iżda daħal dettaljametament f'kull ammont ta' kull* part *li kien hemm bżonn xiri tagħha.*

*Il-mutur kien għadu relattivament ġdid – mixtri tlettax-il xahar biss qabel l-inċident. Mixtri ġdid mingħand l-aġent f'Malta.*

*Isegwi allura illi ir-rikorrenti kien ġustifikat li jixtri* parts *ġodda u mhux* second hand.

*L-ammont mitlub għalhekk jidher li hu ġustifikat u qed jiġi aċċettat.*

*Minn dan kollu isegwi illi għal dan l-inċident jaħti biss Anthony Caruana li, b'negliġenza u traskuraġini fil-qadi ta' dmirijietu, ikkaġuna ħsara fil-mutur tar-rikorrenti. Huwa għandu jħallas l-ammont reklamat fil-proċeduri u ċioe is-somma ta' €5,660.92 bl-imgħax mid-data tal-ittra uffiċjali, u ċioe mis-6 ta' Jannar 2014 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Ir-rikorrenti ħarrek erba' intimati, iżda minn dawn l-erba' intimati, l-Arbitru ikkonkluda li kien wieħed biss li għandu jaħti għal din il-kolliżjoni. Huwa evidenti li il-proprjetarju tal-vettura u l-assigurazzjoni tiegħu ma setgħu qatt ġew misjuba ħatja għal dan is-sinistru għax ma kienu bl-ebda mod involuti.*

*L-assigurazzjoni tal-intimat ma tistax tinstab ħatja fid-dawl tat-talbiet tar-rikorrenti u kwindi lanqas ma tista' tiġi ikkundannata tħallas ebda somma. Jiġi preċisat illi dan mhux għax ma hemmx relazzjoni legali bejn l-assigurat tagħha u hija stess iżda, <u>għax kif inhuma impostati it-talbiet tar-rikorrenti,</u> l-istess assigurazzjoni qatt ma tista' tinstab responsabbli għall-akkadut għax ma kinitx la traskurata, la negligenti u lanqas ma injorat ir-regolamenti.*

*Għaldaqstant l-imsemmija intimati, għajr għal Cutajar* (sic.)*, għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż relattivi għalihom ikunu a karigu tar-rikorrenti.*

*Għal kuntrarju l-intimat Cutajar* (sic.) *għandu jħallas l-ispejjeż l-oħra kollha involuti f'dawn il-proċeduri"*

## <u>L-Appell</u>

8. L-appellant Anthony Caruana intavola r-rikors tal-appell tiegħu fis-27 ta' Diċembru, 2018, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla l-

lodo arbitrali, u dan filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu billi teħilsu minn kull responsabbiltà għall-inċident inkwistjoni u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-appellat.

**Ir-Risposti tal-Appell**

9. Is-soċjetà SMS Insurance Agency Ltd wieġbet billi preliminarjament issottomettiet li l-appell kien irritu stante li kien ġie nnotifikat lilha barra t-terminu preskritt mil-liġi. Dwar il-mertu, issottomettiet li s-sentenza hija waħda ġusta u għalhekk għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

10. L-intimati l-oħra Daniel Borg u s-soċjetà GasanMamo Insurance Limited laqgħu billi fl-ewwel lok irrilevaw li l-appell odjern ġie ppreżentat wara t-terminu ta' ħmistax-il jum stabbilit permezz tas-subartikolu 70B(2) u tar-Raba' Skeda Taqsima B Regola 6. Fil-mertu dawn l-intimati jissottomettu li l-lodo arbitrali kien wieħed ġust u għalhekk jimmerita konferma, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

11. Fit-tweġiba tiegħu, l-appellat Kummissarju tal-Pulizija ukoll sostna li l-lodo arbitrali kien wieħed ġust u b'hekk jimmerita konferma minn din il-Qorti, filwaqt li fisser ir-raġunijiet tiegħu għal dan.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

12. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra qabelxejn dak li qegħdin jirrilevaw b'mod preliminari l-intimati Daniel Borg u s-soċjetà GasanMamo Insurance Limited, jiġifieri li l-appell intavolat mill-appellant sar *fuori termine* u

għal din ir-raġuni l-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tiegħu. Huma jissottomettu li l-appell sar wara t-terminu ta' ħmistax-il ġurnata stabbilit permezz tas-subartikolu 70B(2) tal-Kap. 387 u tar-Regola 6 tar-Raba' Skeda Taqsima B tal-istess liġi. Permezz tan-nota tagħhom tas-16 ta' Ottubru, 2020, l-intimati Daniel Borg u Gasan Mamo Insurance Limited sostnew li ċ-Ċentru dejjem javża bil-miktub u bil-quddiem lill-partijiet u lill-avukati rispettivi tagħhom, bid-data li fiha jkun ser jingħata l-lodi arbitrali. Hekk fil-fatt ġara fil-każ odjern meta ċ-Ċentru avżahom bid-data tal-11 ta' Diċembru, 2018.

13. Waqt it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet, l-Avukat Damien Degiorgio għall-appellant insista li t-terminu ta' ħmistax-il jum għall-intavolar ta' appell jibda jiddekorri minn dik id-data li fiha l-parti tirċievi l-lodo arbitrali. Iżda l-Qorti tirrileva li m'hemmx dubju li fil-każ odjern it-terminu tal-appell, kif sewwa jinsistu l-intimati Daniel Borg u s-soċjetà GasanMamo Insurance Limited, għandu jibda jiddekorri mid-data li fiha ngħata l-lodo arbitrali. Is-subartikolu 70B(2) tal-Kap. 387 għalkemm jipprovdi li appell minn lodo arbitrali għandu jsir fi żmien ħmistax-il jum mid-data tal-irċevuta tiegħu, id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu huma soġġetti għal dawk id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Artikolu 6 tat-Taqsima B tar-Raba' Skeda. Dawn jagħmluha ċara li:

> *"Id-deċiżjoni għandha titqies li tkun ġiet riċevuta mill-partijiet fid-data li d-deċiżjoni tingħata bil-miftuħ."*

14. Fil-każ odjern jirriżulta li fid-19 ta' Novembru, 2018 iċ-Ċentru kiteb lill-appellat fejn infurmah bil-bilanċ tal-ispejjeż tal-Arbitraġġ, filwaqt li avżah li l-lodo arbitrali kien ser jingħata fil-11 ta' Diċembru, 2018, fid-9.30 ta' filgħodu fiċ-

Ċentru stess, iżda dan dejjem sakemm huwa jkun ħallas il-bilanċ tal-ispejjeż. Jirriżulta wkoll li kopja ta' din l-ittra ntbagħtet lill-appellant u lill-partijiet l-oħra, inklużi l-avukati difensuri tagħhom. Imma fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, l-avukat difensur tal-appellant baqa' jinsisti li dan kien irċieva l-lodo arbitrali fil-14 ta' Diċembru, 2018, u għalhekk it-terminu tal-appell beda jiddekorri minn dak il-jum. Il-Qorti tosserva li madankollu ma sar l-ebda riferiment minnu għall-ittra taċ-Ċentru fejn il-partijiet ġew avżati bid-data tal-lodo arbitrali, u saħansitra jekk din kinitx waslet għand l-appellant, li min-naħa tiegħu ma ddikjarax li huwa qatt ma kien irċevieha.

15. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-appell interpost sar wara ż-żmien stabbilit mil-liġi u ma jistax jiġi kkunsidrat.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddikjara l-appell bħala irritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż ta' l-imsemmi lodo arbitrali jibqgħu kif deċiżi mit-Tribunal, filwaqt li dawk tal-appell odjern, għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**